MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 18/2005/1

**John Burlo, Joseph Burlo u Marthese Vella**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Art**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta' Joseph Burlo, John Burlo u Marthese Vella li jghid hekk:

Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huma ma jaccettawx il-kumpens li qed joffri d-Direttur tal-Artijiet fuq il-fond 31/32 Triq l-Irlandizi Bormla liema kumpens jammonta ghal Lm10,630 stante li mhux kumpens adeqwat;

Illi huma qed jippretendu s-somma ta’ erbghin elf lira (LM40,000) bhala kumpens li fil-fehma tar-rikorrenti huwa dovut;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jistabilixxi l-kumpens li huwa dovut llilhom fuq il-fond 31/32, Triq l-Irlandizi, Bormla huwa ta’ Lm40,000 u fin-nuqqas jistabilixxi dak il-kumpens li huwa dovut lir-rikorrenti u jaghti kull ordni u direttiva mehtiega skond l-istess Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ra ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 8 ta’ Awissu, 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija;

Illi preliminarjament l-esponentjixtieq jinforma lil dan l-Onorabbli Bord illi r-rikors fuq imsemmi gie ipprezentat fl-ismijiet inversi u ghalhekk ghandu jigi korrett;

Illi f’dan ir-rikors, r-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-Gvern ta’ ghaxart elef sitt mija u tletin Lira Maltin (Lm10,630) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 31/32 Triq l-Irlandizi, Bormla u qieghdin jippretendu li l-kumpens gust ghandu jkun dak ta’ erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000);

Illi l-esponent qieghed jibqa jsostni illi l-valur gust tal-fond espropprijat huwa dak ta’ ghaxart elef sitt mija u tletin Lira Maltin (Lm10,630) bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi dwar l-ewwel preliminari vantat mill-intimat, l-atti kienu korretti bl-inverzjoni tal-ismijiet bl-awrotita' tal-Bord tal-1 ta' Dicembru 2005 u ghalhekk l-ewwel pregudizzjali huwa sorvolat;

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-periti arkitetti l-AIC Godfrey Vella u AIC Michael Refalo u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

L-intimati ma jaqblux mal-valur attribwit mir-rikorrenti u ghalhekk qed jippretendu kumpens li jammonta ghal erbghin elf lira (Lm40,000)

Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tal-kundizzjoni tal-fond in kwistjoni ghandu jkun ta' hamsa u tletin elf lira (Lm35,000)

Illi l-ammont ta' Lm35,000 fil-valuta Maltija tal-lum huwa ekwivalenti ghall-Euro 81,528.07 (wiehed u tmenin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin euro u seba centezmi);

Illi l-perit arkitett tad-Direttur tal-Artijiet, kien ghamel stima tal-fond fil-valur ta' Lm10,630 filwaqt illi l-perit arkitett tar-rikorrent l-AIC Joseph Mizzi kien stima l-fond fil-valur ta' Lm40,000, izda ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilu ghat-trasferiment ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal- fond 31/32 Triq l-Irlandizi Bormla fl-ammont ta' **Euro 81,528.07** (wiehed u tmenin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin euro u seba centezmi), oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita

kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------